Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1811/2005

ta' l-4 ta' novembru 2005

dwar l-awtorizzazzjonijiet proviżorji u permanenti ta' ċerti addittivi fl-għalf u l-awtorizzazzjoni provviżorja għal użu ġdid ta' addittiv li diġà huwa awtorizzat fl-għalf

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 321M, 21.11.2006, p. 119)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1018/2012 tal-5 ta' Novembru 2012	L 307	56	7.11.2012
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1109/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014	L 301	19	21.10.2014
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1145 tas-8 ta' Ġunju 2017	L 166	1	29.6.2017
►M4	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/147 tat-3 ta' Frar 2020	L 31	7	4.2.2020

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1811/2005

ta' l-4 ta' novembru 2005

dwar l-awtorizzazzjonijiet proviżorji u permanenti ta' ċerti addittivi fl-għalf u l-awtorizzazzjoni provviżorja għal użu ġdid ta' addittiv li diġà huwa awtorizzat fl-għalf

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Il-preparazzjoni li tagħmel parti mill-grupp "Enżimi", kif speċifikat fl-Anness III, hija awtorizzata għall-użu mingħajr limitu ta' żmien bħala addittiv fl-għalf ta' l-annimali skond il-kundizzjonijiet stipulati f' dak l-Anness.

Artikolu 2

Il-preparazzjonijiet li huma parti mill-grupp "Enżimi", kif speċifikat fl-Anness II, huma awtorizzati għall-użu għal erba' snin bħala addittiv fl-għalf ta' l-annimali taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 3

Il-preparazzjonijiet li jagħmlu parti mill-grupp "Mikro-organiżmi" kif speċifikat fl-Anness III huma awtorizzati għall-użu mingħajr limitu ta' żmien bħala addittivi fl-għalf ta' l-annimali taħt il-kundizzjonijiet stipulati f' dak l-Anness.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Nru KE	Addittiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu ta' l-awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta' attività/kg għal għalf sħiħ			
Enżimi								
E 1603	Endo-1,3(4)-beta-glucanase EC 3.2.1.6	Preparazzjoni ta' endo-1,3(4)-beta-glucanase prodtta minn *Aspergillus aculeatus* (CBS 589.94) b'attività minima ta': Fil-forma miksija: Endo-1,3(4)-beta-glucanase 50 FBG ([1])/g Fil-forma likwida: Endo-1,3(4)-beta-glucanase 120 FBG/ml	Ħnienes/majjalini (miftuma)	—	Endo-1,3(4)-beta-glucanase 10 FBG	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-addittiv u l-premiżla, indika t-temperatura tal-ħżin, kemm jista' jdum il-ħżin, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandata għall kull kg ta' għalf sħiħ Endo-1,3(4)-beta-glucanase 10 FBG 3. Għall-użu f'għalf kompost li fih ħafna polisakkaridi li mhumiex lamtu (fil-biċċa l-kbira beta-glucans) eż. li fihom aktar minn 60 % ingredjenti veġetali (qamħirrun, lupina, qamħ, xgħir, sojja, żerriegħa tal-kolza jew piżelli) 4. Għall-użu fil-ħnienes miftuma sa ma jilħqu madwar 35 kg.	Mingħajr limitu ta' żmien
▼M3 ———								

▼B

([1]) 1 FBG huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' glukożju) minn xgħir beta-glucan fil-minuta f' pH ta' 5.0 u 30 °C.

▼B

ANNESS II

Nru KE jew Nru.	Additiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Disposizzjonijiet oħrajn	Tmiem tal-perijodu ta' awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta' attività/kg għal għalf komplet			
Enżimi								
11	Endo-1,4-beta-glucanase EC 3.2.1.4 Endo-1,3(4)-beta-glucanase EC 3.2.1.6 Endo-1,4-beta-xylanase EC 3.2.1.8	Preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-glucanase, endo-1,3(4)-beta-glucanase u endo-1,4-beta-xylanase prodottia mit-*Trichoderma longibrachiatum* (ATCC 74 252) li għandha attivitajiet minimi ta': Fil-forma likwida u granulari: Endo-1,4-beta-glucanase: 8 000 U ([1])/ml or g Endo-1,3(4)-beta-glucanase: 18 000 U ([2])/ml or g Endo-1,4-beta-xylanase: 26 000 U ([3])/ml or g	Papri	—	endo-1,4-beta-glucanase: 400 U endo-1,3(4)-beta-glucanase: 900 U endo-1,4-beta-xylanase: 1 300 U	— — —	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u l-pretaħlita, indika t-temperatura għall-ħżin, kemm jista' jdum il-ħżin, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandata għall kull kg ta' għalf sħiħ endo-1,4-beta-glucanase: 400-1 600 U endo-1,3(4)-beta-glucanase: 900-3 600 U endo-1,4-beta-xylanase: 1 300-5 200 U. 3. Għall-użu f'għalf kompost li fih ħafna polisakkardi li mhumiex lamtu (fil-biċċa l-kbira beta-glucans u arabinoxylans).eż. li fihom aktar minn 45 % xgħir u/jew *triticale*.	*[4 snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*
▼M3 _____								

▼B

([1]) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 0.1 mikromole ta' glukożju minn *carboxymethylcellulose* fil-minuta f' pH ta' 5.0 u 40 °C.
([2]) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 0.1 mikromole ta' glukożju minn xgħir beta-glucan fil-minuta f' pH ta' 5.0 u 40 °C.
([3]) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 0.1 mikromole ta' glukożju minn xylan taz-zokk tal-betula fil-minuta f' pH ta' 5.0 u 40 °C.

▼B

ANNESS III

Nru KE jew Nru.	Additttiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Kontenut massimu	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem tal-perijodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' għalf sħiħ			
Mikro-organiżmi								
▼M4 _____								
▼M2 _____								